PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2011/0023(COD)**

6.5.2015

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji (COM(2011)0032 – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD))

Rapporteur (għal opinjoni): Arnaud Danjean



Magħquda fid-diversità

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Id-dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) tirrappreżenta informazzjoni fornuta mill-passiġġier u miġbura mit-trasportaturi bl-ajru għal finijiet kummerċjali. Fiha diversi tipi ta' informazzjoni li jvarjaw mid-dati u mill-itinerarji tal-vjaġġ għall-informazzjoni dwar il-mezzi ta' kif sar il-ħlas u d-dettalji tal-kuntatt.

Id-dejta tal-PNR hija utli ħafna għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Tista' tintuża b'mod reattiv, jiġifieri f'investigazzjonijiet jew fi prosekuzzjonijiet, f'ħin reali (qabel il-wasla jew it-tluq) sabiex tipprevjeni delitt jew arrest ta' persuni qabel iseħħ delitt, jew b'mod proattiv, għall-ħolqien ta' kriterji tal-valutazzjoni biex taġevola l-valutazzjoni ta' qabel il-wasla u ta' qabel it-tluq ta' passiġġieri.

Diversi Stati Membri diġà qegħdin jiżviluppaw is-sistemi tagħhom ta' PNR iżda d-direttiva tkun tirregola l-użu ta' din id-dejta tal-PNR f'livell tal-UE u tipprova tarmonizza l-politiki tal-Istati Membri. Dan it-tip ta' armonizzazzjoni huwa indispensabbli biex jiġi evitat li kull Stat Membru jimponi lit-trasportaturi bl-ajru obbligi differenti b'hekk jiżdied b'mod konsiderevoli l-piż burokratiku u finanzjarju marbut mal-forniment tad-dejta tal-PNR. Ikun jiggarantixxi barra minn dan li l-UE kollha tkun koperta globalment minn sistema tal-PNR.

L-introduzzjoni ta' sistema tal-PNR tal-UE hija indispensabbli biex l-UE tkun tista' taffronta l-isfidi li qiegħda tħabbat wiċċha magħhom bħalissa. Barra mill-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu intern, id-Direttiva dwar il-PNR tirrappreżenta kontribut importanti liż-żamma tas-sigurtà internazzjonali. It-terroriżmu sar theddida globali u jrid jiġi affrontat bħala tali. It-trasport bl-ajru jiżvolġi rwol vitali fiż-żamma tan-networks terroristiċi u t-tluq u r-ritorn tal-hekk imsejħa "ġellieda barranin". Aċċess idoneu għad-dejta tal-PNR min-naħa tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jeħtieġ ikun garantit kemm għas-salvagwardja tas-sigurtà interna kif ukoll għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika barranija tal-UE.

Jeħtieġ ukoll li jiġi garantit il-fatt li d-dejta tal-PNR miġbura mill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru bħall-aġenziji tal-ivvjaġġar u bħall-operaturi turistiċi li jirrikorru għat-titjiriet charter tkun inkluża fis-sistema tal-PNR tal-UE biex tiġi evitata l-possibbiltà li jsibu tieqa minn fejn jaħarbu dan l-obbligu. Peress li l-linji operanti spiss ma għandhomx aċċess għad-dejta ta' prenotazzjoni ta' dawn it-titjiriet charter, huwa indispensabbli li jiġu obbligati l-aġenziji tal-ivvjaġġar u l-operaturi turistiċi jfornu tali informazzjoni.

Dan l-aċċess għandu jkun neċessarjament ibbilanċjat mad-drittijiet għall-privatezza taċ-ċittadini tal-UE u jeħtieġ li jiġi garantit li d-Direttiva dwar il-PNR tkun allinjata mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja dwar id-direttiva dwar iż-żamma tad-dejta. Skont il-fehma tar-rapporteur, jekk dawn il-kwistjonijiet ikunu affrontati, id-direttiva se tagħti kontribut importanti lis-sigurtà nazzjonali u internazzjonali.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja

u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Fir-riżoluzzjoni 2178 (2014) tiegħu, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti esprima tħassib serju dwar it-theddida gravi u dejjem ikbar maħluqa mill-ġellieda terroristi barranin, jiġifieri individwi li jmorru fi Stat differenti mill-Istat tar-residenza jew miċ-ċittadinanza tagħhom biex jikkommettu, jippjanaw, jippreparaw jew jipparteċipaw f'atti terroristiċi jew ifornu jew jirċievu taħriġ terroristiku u tiddeċiedi li taffronta din it-theddida; il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jirrikonoxxi l-importanza li tiġi affrontata t-theddida maħluqa mill-ġellieda terroristi barranin u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jużaw valutazzjoni tar-riskji tal-vjaġġatur ibbażata fuq provi u proċeduri ta' kontroll inklużi l-ġbir u l-analiżi tad-data tal-vjaġġ mingħajr ma jsir rikors għall-profilar ibbażat fuq stereotipi fondati fuq bażijiet diskriminatorji.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dejta tal-PNR hija meħtieġa għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. | (5) Id-dejta tal-PNR hija meħtieġa għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna ***u internazzjonali***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Id-dejta tal-PNR ***hija meħtieġa*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. | (5) Id-dejta tal-PNR ***tista' tkun strument utli*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Id-dejta tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. | (6) Id-dejta tal-PNR ***tista'*** tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta databases ta' persuni u oġġetti mfittxija, titwaqqaf evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni | (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni |

| | |
|---|---|
| għandhom ikunu soġġetti għal aktar ***eżaminazzjoni*** mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma ***intrisikament*** konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. | għandhom ikunu soġġetti għal aktar ***eżami*** mill-awtoritajiet kompetenti***, inklużi l-individwi li jistgħu jkunu qegħdin jivvjaġġaw għal skopijiet li jippenetraw, jippjanaw jew jippreparaw atti terroristiċi jew jipparteċipaw fihom, jew ifornu jew jirċievu taħriġ terroristiku***. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma ***intrinsikament*** konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-ipproċessar tad-dejta personali jrid ikun proporzjonali għall-għan speċifiku tas-sigurtà segwit minn din id-Direttiva. | (8) L-ipproċessar tad-dejta personali jrid ikun proporzjonali għall-għan speċifiku tas-sigurtà segwit minn din id-Direttiva ***u neċessarju biex jilħaq tali għan, skont il-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità msemmija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-4 ta' April 2014 kif ukoll mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data fl-opinjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2011***. |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. | (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. ***L-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru għandhom ikunu wkoll ikkonċernati minn dawn l-obbligi meta jipprenotaw tali titjiriet.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. | (10) Għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji, huwa għalhekk essenzjali li l-Istati Membri kollha jintroduċu dispożizzjonijiet li jistabbilixxu obbligi fuq it-trasportaturi bl-ajru li joperaw titjiriet internazzjonali lejn jew minn territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.<br>*(Emenda orizzontali: it-terminu "delitti serji" huwa sostitwit bit-terminu "delitti transnazzjonali serji" fit-test kollu kemm hu.)* |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(10a) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura s-sigurtà u tipproteġi l-ħajja u s-sikurezza tal-pubbliku, u jinħoloq qafas ġuridiku għall-protezzjoni u l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(10a) Iż-żieda reċenti fl-atti terroristiċi fl-UE, l-espansjoni tar-radikalizzazzjoni u n-numri dejjem ogħla ta' ġellieda barranin li jirritornaw fl-UE lkoll jikkonfermaw li wasal iż-żmien li din id-Direttiva tidħol fis-seħħ.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew ***jiponu*** xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. | (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru ***u fuq l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportatur bl-ajru*** biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew ***jimponu*** xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru ***u lill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportatur bl-ajru***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) L-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru, bħall-aġenziji tal-ivvjaġġar u bħall-operaturi turistiċi, ibigħu vjaġġi "kollox inkluż" li jużaw titjiriet charter li għalihom jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR tal-klijenti tagħhom però mingħajr ma neċessarjament jittrasferixxu d-dejta lill-linja tal-ajru li topera t-titjira tal-passiġġieri.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed ***mill-Artikoli 1 sa 4*** tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. Id-definizzjoni tad-delitti serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u ***l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri***[38]. Madankollu, l-Istati Membri ***jistgħu*** jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. ***Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni*** | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed ***mill-Artikolu 1*** tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[37]. Id-definizzjoni tad-delitti ***transnazzjoni*** serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u ***mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali***. Madankollu, l-Istati Membri ***għandhom*** jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. |

***tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.***

[37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21).

[38] ***ĠUL 190, 18.7.2002, p. 1.***

[37] ĠU L 164, 22.6.2002, p. 3. Id-Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/919/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008, (ĠU L 330, 9.1.2.2008, p. 21).

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb ***s-sigurtà*** interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb ***is-sigurtà*** interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna ***u għas-sigurtà internazzjonali***. |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (***jaċċessaw***) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru ***jittrasferu*** ('push') id-dejta tal-PNR meħtieġa lill-awtorità li qed titlobha, b'hekk dan jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push' huwa kkunsidrat li joffri livell ogħla ta' protezzjoni tad-dejta u għandu jkun mandatorju għat-trasportaturi bl-ajru kollha. | (15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (***jaċċedu***) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru ***u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu*** ('push') id-dejta tal-PNR meħtieġa lill-awtorità li qed titlobha, b'hekk dan jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push' huwa kkunsidrat li joffri livell ogħla ta' protezzjoni tad-dejta u għandu jkun mandatorju għat-trasportaturi bl-ajru ***u għall-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** kollha. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'penali dissważivi, effettivi u proporzjonati, inklużi penali finanzjarji kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru li jonqsu li jissodisfaw dawn l-obbligi fir-rigward tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR. Meta jkun hemm ksur serju ripetut li jista' jagħmel ħsara għall-iskopijiet bażiċi ta' din id-Direttiva, dawn il-penali jistgħu jinkludu, f'każijiet | (17) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru ***u lill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'penali dissważivi, effettivi u proporzjonati, inklużi penali finanzjarji kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru ***u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** li jonqsu li jissodisfaw dawn l-obbligi fir-rigward tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR. Meta jkun |

eċċezzjonali, miżuri bħall-immobilizzazzjoni, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi tat-trasport, jew is-sospensjoni temporanja jew l-irtirar tal-liċenzja tal-operazzjoni.

hemm ksur serju ripetut li jista' jagħmel ħsara għall-iskopijiet bażiċi ta' din id-Direttiva, dawn il-penali jistgħu jinkludu, f'każijiet eċċezzjonali, miżuri bħall-immobilizzazzjoni, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi tat-trasport, jew is-sospensjoni temporanja jew l-irtirar tal-liċenzja tal-operazzjoni.

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (18) Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli biex jivvaluta t-theddid potenzjali relatat ma' reati terroristiċi u delitti serji. | (18) Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli biex jivvaluta t-theddid potenzjali relatat ma' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji. |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (19) Filwaqt li jiġi kkunsidrat bi sħiħ id-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali u d-dritt tan-nondiskriminazzjoni, m'għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni, li tipproduċi effett legali negattiv fuq persuna jew li taffettwaha serjament, biss minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta tal-PNR. Barra minn hekk, l-ebda deċiżjoni bħal din m'għandha tittieħed fuq il-bażi ***tal-oriġini tar-razza jew etnika***, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew ***il-ħajja*** sesswali ta' persuna. | (19) Filwaqt li jiġi kkunsidrat bi sħiħ id-dritt tal-protezzjoni tad-dejta personali u d-dritt tan-nondiskriminazzjoni, m'għandha tittieħed l-ebda deċiżjoni, li tipproduċi effett legali negattiv fuq persuna jew li taffettwaha serjament, biss minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta tal-PNR. Barra minn hekk, l-ebda deċiżjoni bħal din m'għandha tittieħed fuq il-bażi ***tas-sess***, ***il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew soċjali, il-fattizzi ġenetiċi, il-lingwa,*** it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, ***l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-eta,*** is-saħħa jew ***l-orjentament*** sesswali ta' persuna. |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) L-Istati Membri għandhom jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)[39] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[40]. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu jiġu irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja. | (20) L-Istati Membri għandhom jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)[39] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[40]. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu jiġu irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja. |
| 39 ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.<br>40 ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89. | 39 ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.<br>40 ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89. |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn | (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn |

| | |
|---|---|
| Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità ***mad-Deċiżjoni*** Qafas 2008/977/ĠAI. Biex ***jiġi żgurat il-protezzjoni*** tad-dejta personali, tali ***trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji*** applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz***.*** | Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità ***mar-reviżjoni tad-Deċiżjoni*** Qafas 2008/977/ĠAI. Biex ***tiġi żgurata l-protezzjoni*** tad-dejta personali, tali ***dejta għandha tkun trasferita biss jekk ikun hemm konoxxenza preċiża tal-ipproċessar previst tad-dejta tal-PNR fil-pajjiż terz, tal-limiti ta' aċċess għad-dejta tal-PNR tal-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiż terz kif ukoll tal-użu suċċessiv tagħha u tas-salvagwardji*** applikabbli ***oħrajn*** għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tinsab fil-fażi ta' reviżjoni b'segwitu għall-proposta tal-Kummissjoni li tibdel id-Deċiżjoni Qafas b'direttiva ġdida (COM(2012) 10 final).*

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. | (26) It-trasferiment tad-dejta tal-PNR minn Stati Membri lejn pajjiżi terzi għandu jkun permess biss fuq bażi ta' każ b'każ u b'konformità mad-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI. Biex jiġi żgurat il-protezzjoni tad-dejta personali, tali trasferimenti għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti addizzjonali dwar l-iskop tat-trasferiment, il-kwalità tal-awtorità li qed tirċievi u s-salvagwardji applikabbli għad-dejta personali trasferita lejn pajjiż terz. ***It-trasferiment tad-dejta msemmija hawn fuq lejn kwalunkwe pajjiż ieħor għandu jkun permess biss jekk awtorizzat mill-Istat Membru tal-oriġini u fuq bażi ta' każ b'każ.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji. | (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji. |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti | (29) B'riżultat tad-differenzi legali u tekniċi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-ipproċessar tad-dejta personali, inklużi l-PNR, it-trasportaturi ***bl-ajru*** huma u jkunu affaċċjati b'rekwiżiti differenti dwar it-tipi ta' informazzjoni li għandhom jiġu trażmessi, kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom trid tiġi pprovduta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn id-differenzi jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bl-iskop tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti |

| | |
|---|---|
| serji. | ***transnazzjonali*** serji. |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames (5) snin, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid ***tiġi anonimizzata*** wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. | (32) B'mod partikolari, l-ambitu tad-Direttiva huwa limitat kemm jista' jkun, hija tippermetti ż-żamma tad-dejta tal-PNR għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames (5) snin, li warajhom din id-dejta trid titħassar, id-dejta trid ***tinħeba*** wara perjodu qasir ħafna, il-ġbir u l-użu tad-dejta huwa pprojbit. Sabiex jiżguraw effiċjenza u livell għoli ta' protezzjoni tad-dejta, l-Istati Membri huma meħtieġa li jiżguraw li awtorità nazzjonali ta' sorveljanza indipendenti tkun responsabbli biex tagħti konsulenza u tagħmel monitoraġġ ta' kif tiġi pproċessata d-dejta tal-PNR. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR irid jiġi rreġistrat jew iddokumentat għall-iskop ta' verifikazzjoni jekk l-ipproċessar tad-dejta hux illegali, awtomonitoraġġ u sabiex tiġi żgurata integrità xierqa tad-dejta u sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta. L-Istati Membri jridu jiżguraw ukoll li l-passiġġieri tingħatalhom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-ġbir tad-dejta tal-PNR u dwar id-drittijiet tagħhom. |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Din id-Direttiva għandha tapplika anke għall-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru li jiġbru jew jaħżnu d-dejta tal-PNR dwar it-titjiriet tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***passiġġieri lejn jew minn pajjiżi terzi, li l-punt tat-tluq jew tad-destinazzjoni tagħhom jinsab fit-territorju tal-Unjoni.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss għall-iskopijiet li ġejjin: | 2. Id-dejta tal-PNR miġbura skont din id-Direttiva tista' tiġi pproċessata biss ***mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u esklużivament*** għall-iskopijiet li ġejjin: |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Din id-Direttiva għandha tapplika għat-trasportaturi u għall-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru li joperaw it-titjiriet tal-passiġġieri bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi u t-titjiriet tal-passiġġieri fi ħdan it-territorju tal-Unjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni tat-titjiriet intra-UE hija importanti billi l-kriminali fi ħdan l-UE jużaw it-titjiriet fi ħdan it-territorji tal-UE u mhux biss it-titjiriet esterni. Barra minn dan il-kriminali jużaw ukoll rotot kumplessi lejn u minn għadd ta' pajjiżi tal-UE bil-għan li jevitaw li jiġu skoperti u mħarrka.*

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għat-trasportaturi u għall-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru li jinkorporaw jew jaħżnu dejta fl-Unjoni Ewropea u joperaw titjiriet tal-passiġġieri lejn jew minn pajjiżi terzi fejn il-punt ta' tluq jew destinazzjoni tagħhom huma fi ħdan l-Unjoni.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) 'trasportatur ***bl-***' tfisser impriża tat-trasport ***bl-*** b'liċenzja valida jew ekwivalenti ***li tippermettilha li twettaq ġarr ta' passiġġieri bl-***; | (a) 'trasportatur ***bl-ajru***' tfisser impriża tat-trasport ***bl-ajru*** b'liċenzja valida jew ekwivalenti; |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' trasportatur bl-ajru għandha tkun konformi mal-istess definizzjoni tar-Regolament 1008/2008 dwar ir-regoli komuni għall-operazzjonijiet tas-servizzi tal-ajru fil-Komunità.*

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) 'operatur ekonomiku differenti mit-trasportatur bl-ajru' tfisser l-operatur ekonomiku awtorizzat, bħall-aġenziji tal-ivvjaġġar u bħall-operaturi turistiċi, li jipprovdu servizzi marbuta mal-vjaġġi fosthom il-prenotazzjoni ta' titjiriet li għalihom jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR tal-passiġġieri;*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) 'titjira internazzjonali' tfisser kull titjira skedata jew mhux skedata minn trasportatur ***bl- ppjanat li jinżel*** fit-territorju ta' Stat Membru li toriġina minn pajjiż terz jew li titlaq mit-territorju ta' Stat Membru b'destinazzjoni finali f'pajjiż terz, inklużi ***fiż-żewġ każijiet kull titjira tat-trasferiment jew*** tat-transitu; | (b) 'titjira internazzjonali' tfisser kull titjira skedata jew mhux skedata minn trasportatur ***bl-ajru ppjanata li tinżel*** fit-territorju ta' Stat Membru li toriġina minn pajjiż terz jew li titlaq mit-territorju ta' Stat Membru b'destinazzjoni finali f'pajjiż terz, inklużi ***titjiriet charter, ajruplani privati, titjiriet noleġġjati privatament kif ukoll it-titjiriet*** tat-transitu ***li jipprevedu l-iżbark tal-passiġġieri***; |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni għal kull vjaġġipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; | (c) 'Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri' jew 'dejta tal-PNR' tfisser reġistru tar-rekwiżiti tal-ivvjaġġar ta' kull passiġġier li jinkludi informazzjoni meħtieġa biex tippermetti li r-riservazzjonijiet ***ikunu*** jistgħu jiġu pproċessati u kkontrollati mit-trasportaturi ***bl-ajru*** tal-prenotazzjoni u tal-parteċipazzjoni***, kif ukoll mill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru fil-każ li fih it-trasportaturi bl-ajru ma wettqux il-prenotazzjoni huma stess,*** għal kull vjaġġ ipprenotat minn jew f'isem persuna, kemm jekk inkluża fuq sistema tar-riservazzjoni, Sistemi tal-Kontroll tat-Tluq (DCS) jew sistemi ekwivalenti li jipprovdu l-istess funzjonijiet; |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) 'sistemi tar-riservazzjoni' tfisser is-sistema interna tal-inventajru tat-trasportatur ***bl-***, fejn tinġabar id-dejta tal-PNR għall-ġestjoni tar-riservazzjonijiet; | (e) 'sistemi tar-riservazzjoni' tfisser is-sistema interna tal-inventajru tat-trasportatur ***bl-ajru jew tal-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru***, fejn tinġabar id-dejta tal-PNR għall-ġestjoni tar-riservazzjonijiet; |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR meħtieġa fid-database tal-awtorità li tkun qed titlobha; | (f) 'metodu push' tfisser il-metodu fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu d-dejta tal-PNR fid-database tal-awtorità li tkun qed titlobha; |

*Ġustifikazzjoni*

*It-trasportaturi bl-ajru jittrażmettu d-dejta tal-PNR li jiġbru għal skopijiet ta' riservazzjoni, mhux id-dejta tal-PNR "meħtieġa". Sta għall-awtoritajiet jiffiltraw id-dejta u jagħżlu liema jeħtieġu.*

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) 'reati terroristiċi' tfisser ir-reati taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI; | (g) 'reati terroristiċi' tfisser ir-reati taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI, ***inklużi l-individwi li jistgħu jkunu qegħdin jivvjaġġaw biex jikkommettu, jippjanaw, jippreparaw jew jipparteċipaw f'atti terroristiċi jew biex*** |

| | |
|---|---|
| | ***ifornu jew jirċievu taħriġ terroristiku***; |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(h) 'delitt serju' tfisser id-delitti taħt il-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI jekk huma punibbli minn piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti minuri li, meta tiġi kkunsidrata s-sistema tal-ġustizzja kriminali rispettiva, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva fir-rigward tagħhom ma jkunx skont il-prinċipju tal-proporzjonalità;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-***, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom jistgħu jiġu sekondati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi jew jinnomina awtorità kompetenti għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji jew fergħa ta' din l-awtorità biex taġixxi bħala l-'Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri' tiegħu responsabbli mill-ġbir tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru***, il-ħażna tagħhom, l-analiżi tagħhom u t-trasmissjoni tar-riżultat tal-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-membri tal-persunal tagħhom ***għandhom ikunu individwi ta' integrità u kompetenza ppruvata u*** jistgħu jiġu sekondati mill- |

awtoritajiet pubbliċi kompetenti.

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-***, skont l-Artikolu 6, dwar it-titjiriet internazzjonali li jinżlu jew li jitilqu mit-territorju ta' kull Stat Membru għandha tingħabar mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru rilevanti. F'każ li d-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-*** tinkludi dejta aktar minn dik imniżżla fl-Anness, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tħassar tali dejta immedjatament malli tkun irċevuta. | 1. Id-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-ajru u mill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru***, skont l-Artikolu 6, dwar it-titjiriet internazzjonali li jinżlu jew li jitilqu mit-territorju ta' kull Stat Membru għandha tingħabar mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru rilevanti. F'każ li d-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-ajru u mill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** tinkludi dejta aktar minn dik imniżżla fl-Anness, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tħassar tali dejta immedjatament malli tkun irċevuta. |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-***, skont l-Artikolu 6, dwar it-titjiriet internazzjonali li jinżlu jew li jitilqu mit-territorju ta' kull Stat Membru għandha tingħabar mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru rilevanti. F'każ li ***d-dejta*** tal-PNR trasferita ***mit-trasportaturi bl- tinkludi dejta aktar minn dik imniżżla fl-Anness***, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tħassar tali dejta immedjatament malli tkun irċevuta. | 1. Id-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-ajru***, skont l-Artikolu 6, dwar it-titjiriet internazzjonali li jinżlu jew li jitilqu mit-territorju ta' kull Stat Membru għandha tingħabar mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru rilevanti. ***It-trasportaturi bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru ma għandhomx jittrasferixxu lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri dejta sensittiva pereżempju s-sess, il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew soċjali, il-fattizzi ġenetiċi, il-lingwa, it-twemmin reliġjuż*** |

| | |
|---|---|
| | ***jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-eta, is-saħħa jew l-orjentament sesswali tal-individwu inkwistjoni.*** F'każ li ***din id-dejta jew dejta oħra barra minn dik elenkata b'mod eżawrijenti fl-Anness tkun inkluża fid-dejta*** tal-PNR trasferita, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tħassar tali dejta immedjatament malli tkun irċevuta. |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-***, skont l-Artikolu 6, dwar it-titjiriet internazzjonali li jinżlu jew li jitilqu mit-territorju ta' kull Stat Membru għandha tinġabar mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru rilevanti. F'każ li d-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-*** tinkludi dejta aktar minn dik imniżżla fl-Anness, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tħassar tali dejta immedjatament malli tkun irċevuta. | 1. Id-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-ajru***, skont l-Artikolu 6, dwar it-titjiriet internazzjonali li jinżlu jew li jitilqu mit-territorju ta' kull Stat Membru għandha tinġabar ***esklużivament*** mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru rilevanti. F'każ li d-dejta tal-PNR trasferita mit-trasportaturi ***bl-ajru*** tinkludi dejta aktar minn dik imniżżla fl-Anness, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha tħassar tali dejta immedjatament malli tkun irċevuta. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tiżdied il-kelma "esklużivament" biex ikun żgurat li mhux l-awtoritajiet kompetenti kollha bid-dritt li jitolbu d-dejta tal-PNR (skont l-Artikolu 5) jirċivuha mit-trasportaturi.*

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***tewttieq*** ta' valutazzjoni tal-passiġġieri | (a) ***twettiq*** ta' valutazzjoni tal-passiġġieri |

| | |
|---|---|
| qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew delitt transnazzjonali serju u li jeħtieġu aktar analiżi mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. ***Fit-tewttieq*** ta' tali valutazzjoni, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' tipproċessa d-dejta tal-PNR mal-kriterji stabbiliti minn qabel. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe taqbila pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni; | qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew delitt transnazzjonali serju***, inklużi l-individwi li jistgħu jkunu qegħdin jivvjaġġaw biex jikkommettu, jippjanaw, jippreparaw jew jipparteċipaw f'atti terroristiċi jew biex ifornu jew jirċievu taħriġ terroristiku,*** u li jeħtieġu aktar analiżi mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. ***Fit-twettiq*** ta' tali valutazzjoni, l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' tipproċessa d-dejta tal-PNR mal-kriterji stabbiliti minn qabel. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe taqbila pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni; |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (***c) twettieq*** ta' valutazzjoni tal-passiġġieri qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew delitt serju u li jeħtieġu aktar analiżi mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Fit-twettiq ta' tali valutazzjoni l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' wkoll tqabbel id-dejta tal-PNR ma' databases rilevanti, inklużi databases internazzjonali jew nazzjonali jew mirja nazzjonali tad-databases tal-Unjoni, fejn dawn huma stabbiliti abbażi tal-liġi tal-Unjoni fuq persuni jew oġġetti mfittxija jew taħt allert, skont regoli tal-Unjoni, internazzjonali u nazzjonali applikabbli għal dawn il-fajls. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe | (***b) twettiq*** ta' valutazzjoni tal-passiġġieri qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jkunu involuti f'reat terroristiku jew delitt serju***, inklużi l-individwi li jistgħu jkunu qegħdin jivvjaġġaw biex jikkommettu, jippjanaw, jippreparaw jew jipparteċipaw f'atti terroristiċi jew biex ifornu jew jirċievu taħriġ terroristiku,*** u li jeħtieġu aktar analiżi mill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Fit-twettiq ta' tali valutazzjoni l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tista' wkoll tqabbel id-dejta tal-PNR ma' databases rilevanti, inklużi databases internazzjonali jew nazzjonali jew mirja nazzjonali tad-databases tal-Unjoni, fejn dawn huma stabbiliti abbażi |

| | |
|---|---|
| taqbila pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni; | tal-liġi tal-Unjoni fuq persuni jew oġġetti mfittxija jew taħt allert, skont regoli tal-Unjoni, internazzjonali u nazzjonali applikabbli għal dawn il-fajls. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe taqbila pożittiva li tirriżulta minn tali pproċessar awtomatizzat hija riveduta individwalment permezz ta' mezzi mhux awtomatizzati biex ikun verifikat jekk l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 għandhiex bżonn tieħu azzjoni; |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-valutazzjoni tal-passiġġieri, qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, għandha titwettaq b'mod nondiskriminatorju abbażi ta' kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriterji tal-valutazzjoni jiġu stabbiliti mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, bil-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-kriterji ta' valutazzjoni fl-ebda ċirkostanza m'għandhom jiġu bbażati fuq l-oriġini ***tar-razza jew etnika***, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew ***il-ħajja*** sesswali ta' persuna. | 3. Il-valutazzjoni tal-passiġġieri, qabel il-wasla jew tluq skedat tagħhom mill-Istat Membru msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, għandha titwettaq b'mod nondiskriminatorju abbażi ta' kriterji tal-valutazzjoni stabbiliti mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kriterji tal-valutazzjoni jiġu stabbiliti mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri, bil-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5. Il-kriterji ta' valutazzjoni fl-ebda ċirkostanza m'għandhom jiġu bbażati fuq ***is-sess, il-kulur tal-ġilda,*** l-oriġini ***etnika jew soċjali***, ***il-fattizzi ġenetiċi, il-lingwa,*** it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, ***l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età,*** is-saħħa jew ***l-orjentament*** sesswali ta' persuna. |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-awtoritajiet kompetenti m'għadhom jieħdu l-ebda deċiżjoni li tipproduċi effett legali negattiv fuq persuna jew li taffettwah ***b'mod sinifikattiv*** sempliċiment minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-data tal-PNR. Tali deċiżjonijiet m'għandhomx jittieħdu fuq l-oriġini ***tar-razza jew etnika***, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew ***il-ħajja*** sesswali ta' persuna. | 6. L-awtoritajiet kompetenti m'għadhom jieħdu l-ebda deċiżjoni li tipproduċi effett legali negattiv fuq persuna jew li taffettwah sempliċiment minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-data tal-PNR. Tali deċiżjonijiet m'għandhomx jittieħdu fuq ***is-sess, il-kulur tal-ġilda,*** l-oriġini ***etnika jew soċjali***, ***il-fattizzi ġenetiċi, il-lingwa,*** it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, ***l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-eta,*** is-saħħa jew ***l-orjentament*** sesswali ta' persuna. |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Obbligi fuq trasportaturi ***bl-*** | Obbligi fuq trasportaturi ***bl-ajru u operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-*** jittrasferixxu ('push') id-dejta tal-PNR kif definita fl-Artikolu 2(c) u speċifikata fl-Anness, sakemm din id-dejta diġà jiġbruha huma, għad-database tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri nazzjonali tal-Istat Membru fit-territorju fejn it-titjira internazzjonali se tinżel jew mit-territorju minn fejn se titlaq it-titjira. | 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportatuti bl-ajru*** jittrasferixxu ('push') id-dejta tal-PNR kif definita fl-Artikolu 2(c) u speċifikata fl-Anness, sakemm din id-dejta diġà jiġbruha huma, għad-database tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri nazzjonali tal-Istat Membru fit-territorju |

| | |
|---|---|
| Meta t-titjira għandha l-kodiċi kondiviż bejn trasportatur ***bl-*** wieħed jew aktar, l-obbligu għat-trasferiment tad-dejta tal-PNR tal-passiġġieri kollha fuq it-titjira għandu jkun fuq it-trasportatur ***bl-*** li jopera t-titjira. Fejn it-titjira jkollha waqfa waħda jew aktar ***fl-porti*** tal-Istati Membri, it-trasportaturi ***bl-*** għandhom ***jitrasferixxu*** d-dejta tal-PNR lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri kkonċernati. | fejn it-titjira internazzjonali se tinżel jew mit-territorju minn fejn se titlaq it-titjira. Meta t-titjira għandha l-kodiċi kondiviż bejn trasportatur ***bl-ajru*** wieħed jew aktar, l-obbligu għat-trasferiment tad-dejta tal-PNR tal-passiġġieri kollha fuq it-titjira għandu jkun fuq it-trasportatur ***bl-ajru*** li jopera t-titjira. Fejn it-titjira jkollha waqfa waħda jew aktar ***fl-ajruporti*** tal-Istati Membri, it-trasportaturi ***bl-ajru*** għandhom ***jittrasferixxu*** d-dejta tal-PNR lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri kkonċernati. |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-*** jittrasferixxu ('push') id-dejta tal-PNR kif definita fl-Artikolu 2(c) u speċifikata fl-Anness, sakemm din id-dejta ***diġà jiġbruha huma***, għad-database tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri nazzjonali tal-Istat Membru fit-territorju fejn it-titjira internazzjonali se tinżel jew mit-territorju minn fejn se titlaq it-titjira. Meta t-titjira għandha l-kodiċi kondiviż bejn trasportatur ***bl-*** wieħed jew aktar, l-obbligu għat-trasferiment tad-dejta tal-PNR tal-passiġġieri kollha fuq it-titjira għandu jkun fuq it-trasportatur ***bl-*** li jopera t-titjira. Fejn it-titjira jkollha waqfa waħda jew aktar ***fl-porti*** tal-Istati Membri, it-trasportaturi ***bl-*** għandhom ***jitrasferixxu*** d-dejta tal-PNR lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri kkonċernati. | 1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-trasportaturi ***bl-ajru*** jittrasferixxu ('push') id-dejta tal-PNR kif definita fl-Artikolu 2(c) u speċifikata fl-Anness, sakemm din id-dejta ***tkun qiegħda tinġabar matul il-kors normali tal-attivitajiet tagħhom***, għad-database tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri nazzjonali tal-Istat Membru fit-territorju fejn it-titjira internazzjonali se tinżel jew mit-territorju minn fejn se titlaq it-titjira. Meta t-titjira għandha l-kodiċi kondiviż bejn trasportatur ***bl-ajru*** wieħed jew aktar, l-obbligu għat-trasferiment tad-dejta tal-PNR tal-passiġġieri kollha fuq it-titjira għandu jkun fuq it-trasportatur ***bl-ajru*** li jopera t-titjira. Fejn it-titjira jkollha waqfa waħda jew aktar ***fl-ajruporti*** tal-Istati Membri, it-trasportaturi ***bl-ajru*** għandhom ***jittrasferixxu*** d-dejta tal-PNR lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istati Membri kkonċernati. |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fil-każ li t-trasportaturi bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru jkunu ġabru kwalunkwe dejta tal-informazzjoni minn qabel dwar il-passiġġieri (API) elenkata taħt il-punt (18) tal-Anness 1 ta' din id-Direttiva iżda ma jżommux din id-dejta bħala parti mid-dejta tal-PNR, l-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-trasportaturi bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru jittrasferixxu ('push') din id-dejta lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1. Fl-eventwalità ta' tali trasferiment, id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw fir-rigward ta' din id-dejta tal-API bħallikieku kienu parti mid-dejta tal-PNR.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-trasportaturi ***bl-*** għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR permezz ta' mezzi elettroniċi bl-użu ta' protokolli komuni u formati aċċettati tad-dejta li għandhom ikunu adottati skont il-proċedura tal-Artikoli 13 u 14 jew, fil-każ ta' ***falliment tekniku***, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor li jiżgura livell xieraq ta' sigurtà tad-dejta: | 2. It-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR permezz ta' mezzi elettroniċi bl-użu ta' protokolli komuni u formati aċċettati tad-dejta li għandhom ikunu adottati skont il-proċedura tal-Artikoli 13 u 14 jew, fil-każ ta' ***ħsara teknika***, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor li jiżgura livell xieraq ta' sigurtà tad-dejta: |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) 24 sa 48 siegħa qabel il-ħin skedat għat-tluq tat-titjira; | (a) ***darba*** 24 sa 48 siegħa qabel il-ħin skedat għat-tluq tat-titjira; |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) minnufih wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri hekk kif il-passiġġieri jkunu telgħu fuq l-inġenju ***tal-*** lesti għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli li jitilgħu aktar passiġġieri abbord. | (b) ***darba*** minnufih wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri hekk kif il-passiġġieri jkunu telgħu fuq l-inġenju ***tal-ajru*** lesti għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli li jitilgħu aktar passiġġieri abbord. |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasportaturi ***bl-*** jillimitaw it-trasferiment msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għall-aġġornamenti tat-trasferiment imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2. | 3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** jillimitaw it-trasferiment msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għall-aġġornamenti tat-trasferiment imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2. |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fuq bażi ta' każ b'każ, fuq talba tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont il-liġi nazzjonali, it-trasportaturi ***bl-*** għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR fejn ikun meħtieġ aċċess aktar kmieni minn dak imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 biex jassistu fit-tweġiba għal theddid speċifiku u reali marbut ma' reati terroristiċi jew delitti serji. | 4. Fuq bażi ta' każ b'każ, fuq talba tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont il-liġi nazzjonali, it-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR fejn ikun meħtieġ aċċess aktar kmieni minn dak imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 biex jassistu fit-tweġiba għal theddid speċifiku u reali marbut ma' reati terroristiċi jew delitti serji. |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fuq bażi ta' każ b'każ, fuq talba tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont il-liġi nazzjonali, it-trasportaturi ***bl-*** għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR fejn ikun meħtieġ aċċess aktar kmieni minn dak imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 biex jassistu fit-tweġiba għal theddid speċifiku u reali marbut ma' reati terroristiċi jew delitti serji. | 4. Fuq bażi ta' każ b'każ, fuq talba tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont il-liġi nazzjonali, it-trasportaturi ***bl-ajru*** għandhom jittrasferixxu d-dejta tal-PNR fejn ikun meħtieġ aċċess aktar kmieni minn dak imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 biex jassistu fit-tweġiba għal theddid speċifiku u reali marbut ma' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji. |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fuq bażi ta' każ b'każ, fuq talba tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont il-liġi nazzjonali, it-trasportaturi ***bl-*** | 4. Fuq bażi ta' każ b'każ, fuq talba tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri skont il-liġi nazzjonali, it-trasportaturi ***bl-ajru*** |

| | |
|---|---|
| għandhom ***jittrasferixxu*** d-dejta tal-PNR fejn ikun meħtieġ aċċess aktar kmieni minn dak imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 biex jassistu fit-tweġiba għal theddid speċifiku u reali marbut ma' reati terroristiċi jew delitti serji. | għandhom ***jipprovdu*** d-dejta tal-PNR fejn ikun meħtieġ aċċess aktar kmieni minn dak imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2 biex jassistu fit-tweġiba għal theddid speċifiku u reali marbut ma' reati terroristiċi jew delitti serji. |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Huwa biss f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm il-ħtieġa għall-prevenzjoni ta' theddida imminenti u serja għas-sigurtà pubblika li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jitolbu direttament lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdihom bid-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1) and (2). Dawn it-talbiet għandhom ikunu relatati ma' investigazzjoni jew ***prosekuzzjon*** speċifika ta' reati terroristiċi jew delitti serji u għandhom ikunu ***raġunati***. L-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom iwieġbu għal dawn it-talbiet bħala kwistjoni ta' prijorità. Fil-każijiet l-oħra kollha l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħaddu t-talbiet tagħhom mingħand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru tagħhom stess. | 4. Huwa biss f'dawk il-każijiet fejn ikun hemm il-ħtieġa għall-prevenzjoni ta' theddida imminenti u serja għas-sigurtà pubblika li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jitolbu direttament lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor biex tipprovdihom bid-dejta tal-PNR li tinżamm fid-database ta' din tal-aħħar skont l-Artikolu 9(1) and (2). Dawn it-talbiet għandhom ikunu relatati ma' investigazzjoni jew ***prosekuzzjoni*** speċifika ta' reati terroristiċi jew delitti ***transnazzjonali*** serji u għandhom ikunu ***motivati***. L-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandhom iwieġbu għal dawn it-talbiet bħala kwistjoni ta' prijorità. Fil-każijiet l-oħra kollha l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħaddu t-talbiet tagħhom mingħand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-Istat Membru tagħhom stess. |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta | ***Fid-dawl tal-importanza tal-koerenza bejn l-aspetti interni u esterni ta' sigurtà u bil-*** |

tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

***għan li titjieb il-kooperazzjoni internazzjonali,*** Stat Membru jista' jittrasferixxi dejta tal-PNR u r-riżultati tal-ipproċessar tad-dejta tal-PNR lil pajjiż terz, fuq il-bażi ta' każ b'każ biss u jekk:

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ippreżentati fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI,*** | ***imħassar*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***(b)*** it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), ***u*** | (b) it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***(b)*** it-trasferiment huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), u | (b) it-trasferiment huwa meħtieġ ***u proporzjonat*** għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva speċifikata fl-Artikolu 1(2), u |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ba) l-awtorità riċeventi fil-pajjiż terz jew il-korp internazzjonali riċeventi huma responsabbli mill-prevenzjoni, l-investigazzjoni, l-iskoperta jew il-prosekuzzjoni ta' atti terroristiċi internazzjonali jew delitti transnazzjonali serji;*** |

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(bb) it-talba tal-awtorità riċeventi fil-pajjiż terz jew tal-korp internazzjonali riċeventi kienet tiddependi minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, li d-deċiżjoni tagħha tfittex li tillimita l-aċċess għad-dejta fil-pajjiż terz u l-użu tagħha għal dak li huwa strettament meħtieġ għal finijiet biex jintlaħaq l-objettiv imfittex, u tintervjeni b'segwitu għal talba motivata ta' tali awtoritajiet, ippreżentata fil-qafas tal-prevenzjoni, tal-investigazzjoni, tal-iskoperta u tal-prosekuzzjoni tal-atti terroristiċi internazzjonali jew delitti transnazzjonali serji;*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(bc) l-Istat Membru li mingħandu nkisbet id-dejta ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu;*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt bd (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bd) il-perjodu ta' żamma fil-pajjiż terz jew għand il-korp internazzjonali jissejjes fuq kriterji oġġettivi bil-għan li jkun garantit li tkun limitat għal dak li hu strettament meħtieġ,*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***it-tielet pajjiż*** jaqbel li ***jitrasferixxi*** d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u ***biss bl-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat Membru***. | (c) ***il-pajjiż terz li jirċievi d-dejta*** jaqbel li ***jittrasferixxi*** d-dejta lil pajjiż terz ieħor fil-każ biss li huwa meħtieġ għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva kif speċifikat fl-Artikolu 1(2) u ***jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(a) jkunu sodisfatti***. |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-*** tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru u mill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. |

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-*** tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR ipprovduta mit-trasportaturi ***bl-ajru*** tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tinżamm f'database fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ta' ***60 ġurnata*** wara t-trasferiment tagħha lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri tal-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu tkun nieżla jew tielqa t-titjira. |

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***30 ġurnata*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il- | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' ***60 ġurnata*** wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR anonimizzata għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il- |

| | |
|---|---|
| Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. | Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. |

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR ***anonimizzata*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. | Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' 30 ġurnata wara t-trasferiment tad-dejta tal-PNR lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri msemmija fil-paragrafu 1, id-dejta għandha tinżamm fl-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għal perjodu ieħor ta' ħames snin. Matul dan il-perjodu, l-elementi kollha tad-dejta li jistgħu jservu biex jidentifikaw il-passiġġier li miegħu hija relatata d-dejta tal-PNR, għandhom jiġu moħbija. Din id-dejta tal-PNR ***moħbija*** għandha tkun aċċessibbli biss għal numru limitat ta' persunal tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri awtorizzata speċifikament sabiex twettaq analiżi tad-dejta tal-PNR u tiżviluppa kriterji tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(c). Aċċess għad-dejta tal-PNR kollha għandu jkun permess biss mill-Kap tal-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskop tal-Artikolu 4(2)(b) u fejn jista' jkun maħsub raġonevolment li hemm bżonn li titwettaq investigazzjoni u bħala reazzjoni għal theddida jew riskju speċifiku u reali jew investigazzjoni jew prosekuzzjoni speċifika. |

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – Isem (ismijiet), kif ukoll ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR u n-numru ta' vjaġġaturi fuq il-PNR li qed jivvjaġġaw flimkien; | – Isem (ismijiet), kif ukoll ismijiet ta' passiġġieri oħrajn fuq il-PNR***, dawk tal-kuntatti ta' emerġenza*** u n-numru ta' vjaġġaturi fuq il-PNR li qed jivvjaġġaw flimkien; |

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– in-numri telefoniċi u l-indirizzi tal-posta elettronika, inklużi dawk tal-eventwali kuntatti ta' emerġenza;*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – inċiż 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– il-programm "frequent flyer" ta' appartenenza u l-kodiċi rilevanti;*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – inċiż 2c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– l-indirizz IP li minnu saret ir-riservazzjoni;*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 2. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tal-PNR titħassar ***definittivament*** hekk kif jiskadi l-perjodu speċifikat fil-paragrafu 2. Dan l-obbligu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal każijiet fejn dejta tal-PNR speċifika ġiet trasferita lil awtorità kompetenti u li tintuża fil-kuntest ta' investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet kriminali speċifiċi, fejn iż-żamma ta' tali dejta mill-awtorità kompetenti għandha tiġi regolata mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru. |

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Penali kontra t-trasportaturi ***bl-*** | Penali kontra t-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngħabret mit-trasportaturi ***bl-***, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw, b'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom, li penali dissważivi, effettivi u proporzjonali, inklużi penali finanzjarji, jiġu pprovduti kontra t-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** li, ma jittrażmettux id-dejta meħtieġa taħt din id-Direttiva, sakemm tkun diġà ngħabret mit-trasportaturi ***bl-ajru***, jew ma jagħmlux hekk fil-format meħtieġ jew jiksru b'mod ieħor id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont |

din id-Direttiva.

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela l-oriġini ***tar-razza jew etnika***, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, is-saħħa jew ***il-ħajja*** sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. F'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. | 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta tal-PNR li jiżvela ***s-sess, il-kulur tal-ġilda,*** l-oriġini ***etnika jew soċjali***, ***il-fattizzi ġenetiċi, il-lingwa,*** it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika, is-sħubija fi trejdjunjin, ***l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età,*** is-saħħa jew ***l-orjentament*** sesswali ta' persuna għandu jkun projbit. ***Huwa pprojbit lil-linji tal-ajru li jittrasferixxu tali dejta iżda*** f'każ li dejta tal-PNR li tiżvela din l-informazzjoni tasal għand l-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħassar minnufih. |

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-***, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, ***awto-monitoraġġ*** u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari | 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru u mill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru***, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, ***awtomonitoraġġ*** u assigurazzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti. | integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti. |

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR ***mit-trasportaturi bl-***, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti. | 4. L-ipproċessar kollu tad-dejta tal-PNR, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR minn Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u t-talbiet kollha mill-awtoritajiet kompetenti jew Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ta' Stati Membri oħra u pajjiżi terzi, anke jekk irrifjutati, għandhom jiġu rreġistrati jew iddokumentati mill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti għall-iskop tal-verifika tal-legalità tal-ipproċessar tad-dejta, awto-monitoraġġ u assigurazzjoni tal-integrità tad-dejta xierqa u s-sigurtà tal-ipproċessar tad-dejta, b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali tas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-dejta. Dawn l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin sakemm id-dejta sottostanti għadha ma tħassritx skont l-Artikolu 9(3) mal-iskadenza ta' dawk l-istess ħames snin, u f'dak il-każ l-entrati tar-reġistru għandhom jinżammu sakemm titħassar id-dejta sottostanti. |

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Għandu jintuża standard ta' sigurtà partikolarment għoli għall-protezzjoni tad-dejta kollha, immirat lejn l-aktar żviluppi reċenti f'diskussjonijiet bejn l-esperti dwar il-protezzjoni tad-dejta, u aġġornat b'mod kontinwu biex jinkludi għarfien u informazzjoni ġodda. Meta jittieħdu deċiżjonijiet fir-rigward tal-istandards li għandhom ikunu applikati fil-qasam tas-sigurtà, l-aspetti ekonomiċi eventwalment jitqiesu bħala element sekondarju.*** |
| | ***B'mod partikolari, għandu jintuża l-iktar proċess modern u avvanzat ta' qlib ta' dejta f'kodiċi li:*** |
| | ***- jiżgura li s-sistemi għall-ipproċessar tad-dejta ma jkunux jistgħu jintużaw minn persuni mhux awtorizzati;*** |
| | ***- jiżgura li l-persuni awtorizzati li jużaw is-sistemi għall-ipproċessar tad-dejta jkollhom aċċess biss għad-dejta li għaliha jgawdu mid-dritt ta' aċċess u li d-dejta personali ma tkunx tista' tinqara, tkun kkupjata, tinbidel jew titneħħa mingħajr awtorizzazzjoni fil-mument tal-ipproċessar jew tal-użu jew wara ż-żamma.*** |
| | ***- jiżgura li d-dejta personali ma tkunx tista' tinqara, tkun kkupjata, tinbidel jew titneħħa mingħajr awtorizzazzjoni fil-mument tat-trażmissjoni elettronika jew tat-trasferiment jew tas-salvataġġ fuq memorja u li jkun possibbli li jiġi kontrollat stabbilit fejn is-sistemi ta' trażmissjoni tad-dejta għandhom jittrasferixxu d-dejta personali.*** |
| | ***Hija żgurata l-possibilità li jiġi kontrollat u stabbilit retrospettivament jekk id-dejta personali ddaħħlitx f'sistemi għall-*** |

***ipproċessar tad-dejta, inbidlitx jew tneħħietx u eventwalment minn min.***

***Huwa żgurat li, meta jkun ikkummissjonat lil terzi, l-ipproċessar tad-dejta jista' jsir biss skont l-istruzzjonijiet tal-entità kkummissjonata.***

***Huwa żgurat li d-dejta personali hija protetta kontra l-qerda jew it-telf aċċidentali.***

***Hija żgurata l-possibbiltà tal-ipproċessar separat ta' dejta miġbura għal skopijiet differenti.***

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***Klawsola ta' estinzjoni*** |
| | ***1. Din id-Direttiva ma tibqax tapplika ...*.*** |
| | ***2. Barra minn hekk, l-applikazzjoni, l-impatt u l-effikaċja ta' din id-Direttiva għandhom ikunu suġġetti għall-verifika, għall-valutazzjoni u għas-superviżjoni indipendenti ta' waħda jew aktar mill-entitajiet segwenti:*** |
| | ***(a) il-Parlament Ewropew;*** |
| | ***(b) il-Kummissjoni;*** |
| | ***(c) il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14 ta' din id-Direttiva.*** |
| | ***Din il-proċedura hija konkluża sa ...**.*** |
| | ___ |
| | **** ĠU: daħħal id-data: erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |
| | ***** ĠU: daħħal id-data: tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Din id-Direttiva ma tibqax tapplika jew il-validità tagħha għandha tkun prorogata biss wara li l-impatt u l-effikaċja tagħha jkunu ġew verifikati u valutati.*

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. It-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mezzi elettroniċi jew, fil-każ ta' ***falliment tekniku***, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor, għal perjodu ta' sena wara l-adozzjoni tal-protokoll komuni u l-formati aċċettati tad-dejta skont l-Artikolu 14. | 1. It-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru u mill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mezzi elettroniċi jew, fil-każ ta' ***ħsara teknika***, permezz ta' kwalunkwe mezz xieraq ieħor, għal perjodu ta' sena wara l-adozzjoni tal-protokoll komuni u l-formati aċċettati tad-dejta skont l-Artikolu 14. |

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jkun skada l-limitu ta' żmien ta' sena mid-data mill-adozzjoni tal-protokolli komuni u ***l-foromati*** aċċettati tad-dejta, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mod elettroniku bl-użu ta' metodi żguri f'għamla ta' protokolli komuni aċċettabbli li jkunu komuni għat-trasferimenti kollha biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-dejta matul it-trasferiment, u f'format appoġġjat tad-dejta biex tiġi żgurata l-leġġibbiltà mill-partijiet kollha involuti. It-trasportaturi ***bl-*** kollha | 2. Meta jkun skada l-limitu ta' żmien ta' sena mid-data mill-adozzjoni tal-protokolli komuni u ***l-formati*** aċċettati tad-dejta, it-trasferimenti kollha tad-dejta tal-PNR mit-trasportaturi ***bl-ajru u mill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva għandhom isiru b'mod elettroniku bl-użu ta' metodi żguri f'għamla ta' protokolli komuni aċċettabbli li jkunu komuni għat-trasferimenti kollha biex tiġi żgurata s-sigurtà tad-dejta matul it-trasferiment, u f'format appoġġjat tad-dejta biex tiġi żgurata l-leġġibbiltà mill-partijiet |

| | |
|---|---|
| għandhom ikunu meħtieġa jagħżlu u jidentifikaw lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri l-protokoll komuni u l-format tad-dejta li bi ħsiebhom jużaw għat-trasferimenti tagħhom. | kollha involuti. It-trasportaturi ***bl-ajru u l-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** kollha għandhom ikunu meħtieġa jagħżlu u jidentifikaw lill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri l-protokoll komuni u l-format tad-dejta li bi ħsiebhom jużaw għat-trasferimenti tagħhom. |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Mad-data msemmija fl-Artikolu 15(1), jiġifieri sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 30% tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). Sa sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinġabar id-dejta tal-PNR ta' mill-inqas 60 % tat-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minn erba' snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 15, tinġabar id-dejta tal-PNR mit-titjiriet kollha msemmija fl-Artikolu 6(1).*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-importanza tal-iskop li għalih tinġabar u tiġi proċessata d-dejta tal-PNR, kif ukoll in-natura varjata, soffistikata u internazzjonali tat-theddida imposta, jeħtieġ li jkun hemm sistema li topera fuq il-bażi ta' ġbir ta' 100 % kemm fi ħdan l-UE kif ukoll ma' pajjiżi terzi sabiex is-sistema tkun kompletament effikaċi. Il-ġbir tal-100 % tad-dejta jnaqqas ukoll ir-riskju ta' "profiling".*

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(a) tanalizza l-vijabilità u ħtieġa li jiġu inklużi t-titjiriet interni fl-iskop ta' din id-Direttiva, fid-dawl tal-esperjenza miksuba minn dawk l-Istati Membri li jiġbru dejta tal-PNR dwar titjiriet interni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien sentejn mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1);*** | ***imħassar*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien erba' snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. Ikun fih ukoll informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. | (b) twettaq analiżi tal-operazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien erba' snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, ***inkluż fil-każijiet ta' trasferimenti ta' dejta lejn pajjiżi terzi,*** it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. Ikun fih ukoll informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. |

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) twettaq analiżi ***tal-operazzjoni*** ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien erba' snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din | (b) twettaq analiżi ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fi żmien erba' snin mid-data msemmija fl-Artikolu 15(1). Din l-analiżi |

| | |
|---|---|
| l-analiżi għandha tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. Ikun fih ukoll informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. | għandha ***l-ewwel nett tiddetermina jekk l-iskema tal-PNR hijiex tassew miżura meħtieġa u t-tieni nett*** tkopri l-elementi kollha ta' din id-Direttiva, b'attenzjoni speċjali għall-konformità mal-istandard tal-protezzjoni tad-dejta personali, it-tul tal-perjodu taż-żamma tad-dejta u l-kwalità tal-valutazzjonijiet. Ikun fih ukoll informazzjoni ta' statistika miġbura skont l-Artikolu 18. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rieżami ma għandux biss jirrigwarda l-applikazzjoni tad-Direttiva iżda wkoll jistabbilixxi jekk l-użu tad-dejta tal-PNR isservi għal skopijiet dikjarati jew jekk id-Direttiva għandhiex raġuni li teżisti.*

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti serji skont l-Artikolu 4(2) u n-numru ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur ***bl-*** u destinazzjoni. | 1. L-Istati Membri għandhom iħejju sett ta' informazzjoni statistika dwar id-dejta tal-PNR mogħtija lill-Unitajiet tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri. Tali statistika għandha bħala minimu tkopri n-numru ta' identifikazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna li tista' tkun involuta f'reat terroristiku jew f'delitti ***transnazzjonali*** serji skont l-Artikolu 4(2) u n-numru ta' azzjonijiet sussegwenti tal-infurzar tal-liġi li jinvolvu l-użu tad-dejta tal-PNR għal kull trasportatur ***bl-ajru*** u destinazzjoni. |

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu jew | 2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu jew |

| | |
|---|---|
| impenn mill-Unjoni permezz ta' ftehim bilaterali u/jew multilaterali ma' pajjiżi terzi. | impenn mill-Unjoni permezz ta' ftehim bilaterali u/jew multilaterali ma' pajjiżi terzi***, iżda ftehimiet ġodda ma' pajjiżi terzi ma għandhomx jinkludu dispożizzjonijiet li jbaxxu l-livell ta' protezzjoni tad-dejta taħt dak previst minn din id-Direttiva***. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-eventwali ftehimiet PNR ma' pajjiżi terzi jridu jiggarantixxu almenu l-istess livell ta' protezzjoni mogħtija minn din id-Direttiva.*

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**
**Anness – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri sakemm miġbura mit-trasportaturi ***bl-*** | Dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri sakemm miġbura mit-trasportaturi ***bl-ajru u mill-operaturi ekonomiċi differenti mit-trasportaturi bl-ajru*** |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (UE-PNR) |
| **Referenzi** | COM(2011)0032 – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE<br>14.2.2011 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>14.2.2011 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Arnaud Danjean<br>13.1.2015 |
| **Eżami fil-kumitat** | 30.3.2015 |
| **Data tal-adozzjoni** | 4.5.2015 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 41<br>–: 5<br>0: 10 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Lars Adaktusson, Michèle Alliot-Marie, Francisco Assis, Petras Auštrevičius, Bas Belder, Goffredo Maria Bettini, Mario Borghezio, Klaus Buchner, Fabio Massimo Castaldo, Lorenzo Cesa, Aymeric Chauprade, Arnaud Danjean, Mark Demesmaeker, Georgios Epitideios, Anna Elżbieta Fotyga, Eugen Freund, Michael Gahler, Sandra Kalniete, Eduard Kukan, Barbara Lochbihler, Sabine Lösing, Andrejs Mamikins, Ramona Nicole Mănescu, David McAllister, Francisco José Millán Mon, Javier Nart, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula, Kati Piri, Cristian Dan Preda, Jozo Radoš, Sofia Sakorafa, Jaromír Štětina, Charles Tannock, Johannes Cornelis van Baalen, Geoffrey Van Orden |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Reinhard Bütikofer, Neena Gill, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Marek Jurek, Antonio López-Istúriz White, Norbert Neuser, Urmas Paet, Gilles Pargneaux, Soraya Post, Marietje Schaake, Renate Sommer, István Ujhelyi, Traian Ungureanu, Paavo Väyrynen, Janusz Zemke |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Victor Boştinaru, Jonás Fernández |